# PROŻA U POEŻIJA

*Ta'* Ivo Muscat-Azzopardi

Miexja ħafif ħafif, irqajqa, snienha
jidhru, tarmi l-fwieħa; laħamha turi,
tiskejtja w tiżfen, jaf xi jgħid ilsienha,
tilgħab it-*tennis*, għamîlha xejn kburi.

Żarbun bla ponta juri difrejn ħomor,
xuxa qasira, li mar-riħ titajjar,
donnha tad-deheb; jiġbed ukoll dak l-għomor
li kull żagħżugħ li jkun ġa nofsu mħajjar.

Mhux tabilfors wieħed ifittex lill-qamar,
jitgħaxxaq bih u jfaħħru mal-maħbuba!
Jistqarrilha kemm qalbu fiha ġamar!

Namrar u ħolm, ħidma tal-fantażija,
ħolm twil, għalhekk Eva w Adam magħluba.
Sakemm hu ħolm: Sultana l-Poeżija.

* * *

Imma kemm int qalil, ja żmien il-bniedem;
ħiemed u kiefer ma taħfirha 'l ħadd.
Tqal il-pass tat-tfajla, għamîlha niedem,
għab l-aħmar tad-difrejn, fwieħa aktar qatt.

Kif tridha tiżfen jew it-*tennis* tmur?
Tiskejtja u tħuf f'tal-qamar id-dija?
Bit-żmien uliedha jeħtieġ issa ddur.
Ara kif spiċċa żmien il-fantażija!

Il-ġamar f'qalb Adam għadu ħaj bosta,
għax qalb il-bniedem qawwija mġibitha,
għalkemm maż-żmien il-ħajja ssib postha.

Il-ħolm iseħħ, l-imħabba tgħix titlajja,
imma x-xejra tal-ħsieb tbiddel bixritha:
f'Saltnet il-Proża tinsab issa l-ħajja.

*San Ġiljan, 27. 9. 1956.*